Riflessjonijiet f' Waqthom

# Miss jien inħobbok daqs dawl għajnejja għax ġibtni f'posti!



minn Jeanine Balzan Engerer B. Psy (Hons), PGCE

**Naħseb xbajna naqraw artikli fuq kemm għandna bżonn nieqfu u nieħdu l-ħajja aktar bil-mod.**

Milux waqt li kont qiegħdha break supervision, studenta partikolari qaltli "Miss jien inħobbok daqs dawl għajnejja għax ġibtni f'posti!".

Dan il-kumment bellahni mhux biss għax huwa kumment mill-isbaħ però huwa kumment li qlajtu wara sena perseveranza ma' din l-istudenta! Is-sena l-oħra din l-istudenta ma riditx taf bis-suġġet tiegħi, ippruvajt minn kollox u kien hemm mumenti fejn nistqarr magħkom qtajt qalbi! Madankollu xorta bqajt naghtiha konsegwenzi meta ma ġabitx xogholha u mbagħad kont nispjegalha r-raġuni wara kull azzjoni. Dan qed ngħidu biex nifhmu li dixxiplina b'mod ħanin hija xorta bżonnjuża ħafna! Regoli li jagħmlu sens jġibu stabbiltà li hija bżonn bażiku għal kull persuna!



Meta qtajt qalbi li din l-istudenta ser tibda tqiegħed rasha hemm fuq is-suġġett, għidt ħa mmur lura għal dik il-ħaġa bażika, u mort lura għall-uman. Bdejt nara kif nibda nsir nafha aħjar, propju użajt il-metodu ta' Don Bosco meta ltaqa' ma'Bertu Garelli, fejn meta nduna li għadu ma jafx ħafna affarjiet, staqsih x'jaf jagħmel u beda minn hemm.

Bdejt inqatta' ħin informali mal-istudenta, mumenti żgħar bħal fil-kuritur, fil-karozza waqt xi outing jew qabel ma tibda lezzjoni. Minn ġewwa bqajt inħobbha għalkemm ma kienx dejjem faċli u naħseb li dak huwa s-sigriet ta' kollox! Li tibqa' thobb lill-persuna anke jekk ma tirċievi xejn lura.Kif dejjem jgħid Fr. Fabio Attard, 'Aħna l-edukaturi niżirgħu fid-dlam' imbagħad tafda li l-ħsad ikun tajjeb!

Hekk ġara wara sena nħossni fid-dlam ma' din it-tifla, kont qed inkun dawl għaliha bla ma naf! U dan mhux mertu tiegħi imma t'Alla, li dejjem juża lilna biex inkunu dawl għal ħaddiehor! Jien ma nħossnix xi ħadd speċjali imma ndunajt kemm Alla jinqeda b'kulħadd, kemm-il darba nħalluh!